MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 383/2004

**HSBC Bank Malta Plc**

**Vs**

**Tonio Ciantar, bhala debitur principali u**
**Martha Ciantar bhala garanti solidali**
**ma' l-istess Tonio Ciantar**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Peress illi l-konvenut Tonio Ciantar huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont globali ta' erbatax il-elf erba' mija u tnejn lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm14,402.42) dovut bil-mod segwenti:

a. Tmint elef, mija u sitt liri Maltin u sitta u tletin centezmu (8106.36) dovut in forza tal-“Loan Account” numru 044-022580-300 – Dokument ‘A’;

b. Erbgha u disghin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm94.23) imghax dovut bit-tmienja fil-mija (8%) fuq l-ahhar imsemmi ammont mid-19 ta’ Gunju, 2003 kif jirrizulta mill-istess imsemmi Dokument ‘A’;

c. Tlett elef sitt mija u tmienja u hamsin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm3,658.98) dovut fuq ir-“Rescheduled Overdraft Account” numru 044-022580-340 – Dokument ‘B’;

d. Mija sebgha u sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm167.61) imghaxx dovut bit-tmienja fil-mija (8%) fuq l-ahhar imsemmi ammont mit-28 ta’ Marzu, 2003 kif jirrizulta mill-istess imsemmi Dokument ‘B’;

e. Elfejn mitejn u wiehed u sebghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm2,271.20) dovut fuq ir-“Rescheduled Overdraft Account” numru 044-022580-341 – Dokument ‘C’;

f. Mija u erba’ lira Maltija u erba’ centezmi (Lm104.04) imghaxx dovut bit-tmienja fil-mija (8%) fuq l-ahhar imsemmi ammont mit-28 ta’ Marzu, 2003 kif jirrizulta mill-istess imsemmi Dokument ‘C’;

Peress illi skond il-garanzija hawn annessa bhala Dokument ‘D’ il-konvenuta Martha Ciantar hija wkoll debitrici tal-istess socjeta’ attrici fl-ammotn globali imsemmi ta’ erbatax il-elf erba’ mija u tnejn Lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm14,402.42) u dana bhala garanti solidali Tonio Ciantar.

Peress illi ghalkemm gew debitament interpellati sabiex ihallsu l-ammont fuq imsemmi, il-konvenuti baqghu nadempjenti u peress illi jezistu l-elementi kontemplati fl-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-ezenzjoni mis-smiegh billi d-debiti fuq imsemmija

huma certi, likwidi, dovuti u skaduti u dana kif jirrizulta mill-affidavit Dok. ‘E’.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12:

1. Tikkundanna lill-konvenut Tonio Ciantar bhala debitur principali sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ erbatax il-elf erba’ mija u tnejn Lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm14,402.42) bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv liema somma hija dovuta kif fuq spjegat u tikkundanna lill-konvenuta Martha Ciantar bhala garanti solidali li thallas lill-attur nomine s-somma msemmija ta’ erbataz il-elf erba’ mija u tnejn Lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm14,402.42) bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv. Sabiex b’hekk l-attur ikun liberu illi jezigi l-kreditu tieghu mill-istess konvenut/konvenuta a libera xelta tieghu skond il-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali tal-5 ta’ Awissu, 2003 kif ukoll tal-proceduri tal-Mandat ta’ Inibizzjoni ta’ llum stess, kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu mharrkin ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li permezz taghha cediet il-kawza fil-konfront tal-konvenuta Martha Ciantar u riduciet it-talba b’elf lira fil-konfront tal-konvenut Tonio Ciantar;

Rat in-nota tal-konvenut Tonio Ciantar li permezz taghha ammetta t-talba kif ridotta bl-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm1,000);

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut Tonio Ciantar it-talba kif ridotta ghall-ammont ta’ Lm13,402.42 tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut Tonio Ciantar tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif ridotta ghall-ammont ta’ tlettax il-elf erba’ mija u zewg liri Maltin u tnejn u erbghin

centezmu (Lm13,402.42) fil-konfront ta’ Tonio Ciantar bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut Tonio Ciantar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------